MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 51

L-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 51.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

51.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

51.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 51.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

51.2.1 Is-Sindku ippropona li fi Triq il-Wileġ isir pjan ta' Traffic Management ġdid peress li isir parking fuq kull naħa u anke fejn it-triq dejqa. Il-Kunsill qabel unanimament.

51.2.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva rikjesta mingħand il-JP2 Foundation fejn talbet is-sehem tal-Kunsill sabiex jagħmlu tifkira tal-papa fi gżiritna. Is-Sindku ippropona li nagħtu s-sehem ta' €200.00. Il-Kunsill qabel unanimament.

51.2.3 Is-Sindku qal li rigward il-bozzoz tar-raħal suppost kollha qed jaħdmu tajjeb.

51.2.4 Is-Sindku qal li daħal ilment li fi Sqaq il-Wilġa tal-Gidrin, fi Triq San Lawrenz li l-fanali installati ma' residenza qed issirilha l-ħsara. Wara diskussjoni sar qbil li dawn il-fanali jinqalgħu jinqala u naraw jekk tar-residenza tan-naħħa l-oħra jaċċettawx li l-fanali jeħlu ma tagħhom, peress li issa l-isqaq jiġi fid-dlam. Sa dan it-tant is-Sindku semma li l-bozza fi Triq San Lawrenz ser isirilha arblu u teħel mal-arblu.

51.2.5 Is-SE qalet li qiegħda fil-proċess li tagħmel il-claims ta' xi proġetti li dawn jirrekjedu l-ħin u li jieħu min xogħol ieħor. Is-SE qalet li bħalissa għaddejin bl-audit ukoll li jieħu ż-żmien tiegħu. Hawn is-Sindku enfasizza li l-claims importanti li jsiru wkoll peress li jridu jinġabbru l-flus li l-kunsill għandu jieħu lura fuq id-diveresi proġetti, biex b'hekk nevitaw problema ta' cashflow.

## 51.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

51.3.1 Il-viċi sindku Anthony Formosa qal li sikwit qed ikun hemm l-għaddasa li jimblokkaw il-moll bl-apparat u makkinarju u għalhekk kieku tajjeb issir tabella oħra. Is-Sindku qal li tabella diġa hemm u l-aħjar ħaġa kieku jkun hemm l-enforcement għax it-tabelli qed jiġu injorati.

51.3.2 Il-Kunsillier Joseph Cauchi saqsa jekk il-kuntrattur li għamel ix-xogħol fi Triq il-Wileġ jistax jagħti il-bqija tat-triq. Is-Sindku qal li hu obbligat jagħmel fejn sar l-istess trenching.

51.3.3 Il-viċi sindku Anthony Formosa qal li l-ġibjun fil-pjazza inġibed l-ilma kollu minnu u sar jaf li minn persuna waħda. Is-Sindku qal li dan is-servizz huwa għal kulħadd u tajjeb li jkun hemm aktar rispett.

51.3.4 Il-viċi sindku Anthony Formosa qal li fi Triq il-Wileġ kienu għamlu patching tal-WSC wara xi xogħolijiet pero din niżlet. Sar qbil biex nerġgħu inkellmuhom sabiex jirranġawha.

## 51.4 Skemi Ġodda;

51.4.1 Is-SE qalet li kif jafu mill-emails li intbagħatu mid-Dipartiment, ħarġu diversi skemi ġodda. Wara diskussjoni sar qbil li niffokaw fuq l-iskemi li diġa għandna sabiex jingħalqu u napplikaw biss għall- SPI/SCI/03/2023 - Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023 u SPI/SCI/01/2023 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024.

## 51.5 Ħarġa tal-Għid;

51.5.1 Is-Sindku ippropona li fi 13 ta' April issir ħarġa tal-Għid lejn Malta. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 51.6 Bini taċ-Ċentru Ċiviku;

51.6.1 Is-Sindku ppropona li għall-pjan ta' ħames snin li ġejjin, jidaħħal il-bini taċ-Ċentru Ċiviku sabiex mal-ewwel ċans nkunu nistgħu napplikaw għall-permessi u affarijiet neċċessarji biex ikunu lesti għal meta ningħataw il-fondi. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 51.7 Club għat-Tfal tas-Sajf;

51.7.1 Is-Sindku qal li qed jipproponi li s-sena jerġa jitella l-club tat-tfal fis-sajf u nżidu ġurnata oħra għall-korsijiet. Fost l-ideat għall-korsijiet kellu, snorkelling fl-inland sea bil-kunsens tal-ġenituri minn grupp tal-Universita ta' Malta, drama, home economics, arti u oħrajt. Sar qbil li jinżamm pagament ta' €55.00 lil min mhux minn San Lawrenz u €35.00 għall-dawk ta' San Lawrenz.

## 51.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

51.8.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

51.8.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 51.9.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

51.9.1 Il-laqgħa intemmet fl-09:45 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 28 ta' April 2023 fl-08:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv